**13 ta' Ġunju, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Rose Anne Galea

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Vjolazzjoni ta' – Rimedju għal Diskriminazzjoni – Smigħ Xieraq – Bord ta' Inkjesta – Imparzjalità ta' – Indipendenza ta' Bord ta' Dixxiplina – Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**

*Il-fatti taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: fil-21 ta' Lulju, 1987 ġie kompost Bord ta' Inkjesta biex jiġu investigati allegazzjonijiet dwar il-kondotta tar-rikorrenti, administrative nurse fl-Isptar Craig, Għawdex. Bħala riżultat ġie deċiż li għandhom jittieħdu*

*passi dixxiplinarji kontra tagħha u ġiet mogħtija għaxart ijiem żmien biex tiddikjara bil-miktub x'raġunijiet għandha biex tiskolpa ruħha. Ir-rikorrenti ġiet infurmata li l-ewwel seduta tal-Bord ta' Dixxiplina kellha tinżamm fit-28 ta' Diċembru, 1987.*

*Ir-rikorrenti allegat li ġew ivvjolati fil-konfront tagħha d-drittijiet fundamentali tagħha billi l-imsemmi Bord ta' Inkjesta la kien indipendenti u lanqas imparzjali u ma tax lir-rikorrenti smigħ ġust. Inoltre allegat li d-domandi li sarulha mill-Bord setgħu jinkriminawha u dawn sarulha mingħajr ma hija ġiet infurmata bid-dritt li kellha f'tali ċirkostanzi li tagħżel li ma tixhidx. Allegat ukoll li saret fil-konfront tagħha disrkiminazzjoni politika. Għalhekk talbet li l-proċeduri, deċiżjonijiet u konklużjonijiet tal-Bord ta' Inkjesta jiġu annullati u li tinibixxi lill-intimati milli jissoktaw jieħdu proċeduri kontra tagħha.*

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi ddeklinat li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha billi r-rikorrenti kellha rimedji oħra disponibbli għaliha u għalhekk waqfet milli tieħu konjizzjoni tar-rikors, spejjeż bla taxxa. Ir-rikorrenti appellat u l-intimati appellaw inċidentalment mill-kap ta' l-ispejjeż. Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell inċidentali, laqgħet l-appell prinċipali, irrevokat, iddikjarat li ma kinux disponibbili għall-appellanti mezzi oħrajn xierqa, u rrinvijat lill-Prim'Awla tiddelibera l-mertu.*

*Il-funzjoni tal-Bord tax-Dixxiplina hija li jistħarreġ il-każ u jagħti l-konkluzzjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-fatt li l-Bord seta' jinjora l-konkluzzjonijiet tal-Bord ta' l-Inkjesta ma jfissirx li b'daqshekk qiegħed jiġi prekluż milli jikkunsidrahom, mentri l-iskop tal-kawża kien li l-Bord tad-Dixxiplina ma jkunx jista' jikkunsidra dawn, għax dawn jiġu annullati għar-raġunijiet allegati.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' Rose Anne Galea ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn esponiet:

Illi hija *Administrative Nurse III* u ġà *Acting Matron* fl-Isptar Craig, Għawdex;

Illi ġie maħtur Bord ta' Inkjesta taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att XIX ta' l-1977 speċifikament "jinvestiga allegazzjonijiet magħmula minn Dr. S. Galea, *A/Medical Superintendent, Craig Hospital* f'rapport tiegħu datat 12 ta' Ġunju, 1987 dwar il-kondotta ta' Miss Rose Anne Galea *Administrative Nurse* li taħdem fl-istess sptar";

Illi dan il-Bord kien kompost mill-intimati Dr. Enrico Cortis bħala *Chairman* u Dr. Gauden Galea u Mr. Publius Abdilla bħala membri;

Illi dan il-Bord li la huwa indipendenti u l-anqas imparzjali, u dan bi ksur ta' artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni Repubblikana ta' Malta kif ukoll bi vjolazzjoni flagranti ta' artikolu (1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att Numru XIV ta' l-1987 li jipprovdi dwar il-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi dan il-Bord in esekuzzjoni ta' l-inkariku lilu mogħti, żamm sitt seduti u sema' tmienja u tletin xhud, inkluża r-rikorrenti, ilkoll taħt ġurament;

Illi l-Bord ma żammx smigħ pubbliku u naqas li jinforma lir-rikorrenti bir-raġunijiet li għalihom kien twaqqaf, u li għalihom talab ix-xhieda ġuramentata u tax-xhieda l-oħra u għalhekk il-Bord ivvjola sfaċċatament il-prinċipju sempliċi u elementari iżda daqstant bażiku u fundamentali ta' l-"*audi alteram partem*" billi addotta proċedura inkwiżitorjali u dana wkoll bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(3) tal-

Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

Illi l-Bord għamel domandi li jesiġu tweġibiet li setgħu assoġġettaw lir-rikorrenti għall-proċess kriminali mingħajr ma għarrfuha bil-privileġġi li għandu xhud li jixhed quddiem il-Qorti u dana bi ksur *tal-proviso għas-subartikolu (4) ta' artikolu (6)* ta' l-imsemmi Att, ta' l-artikolu 589 tal-Kap. 12 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-1984, l-artikolu 643 u 647(3) ta' Kap. 9 ta' l-istess Edizzjoni, kif ukoll ta' l-artikolu 39(1)(6)(7)(8)(9) u (10) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

Illi r-rikorrenti ma kellha ebda opportunità tiddefendi ruħha la personalment u lanqas permezz ta' assistenza legali, li teżamina x-xiehda miġjuba kontriha, li tottjeni x-xiehda favur tagħha taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tagħha u dan bi vjolazzjoni ta' l-imsemmi artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ħatra tal-Bord kienu fil-qosor dawn. Hija kienet l-*acting matron* fl-isptar Craig meta ħabta u sabta tfaċċa l-intimat it-Tabib Salvatore Galea M.D., li ma kellu ebda kariga uffiċjali fl-istess sptar u nfurmaha li l-awtorità tagħha spiċċat u li kienet ittrasferita għat-Taqsima ta' l-*Outpatients* fl-istess sptar peress li kien inbidel il-Gvern. Ġustament hija pprotestat dwar dan bil-miktub lill-Onorevoli Prim Ministru permezz ta' l-Onorevoli Ministru tal-Politika Soċjali, is-Segretarju Parlamentari responsabbli għas-Saħħa u ċ-*Chief Government Medical Officer,* anke peress li nħatret fil-post tagħha persuna bi grad inferjuri fis-servizz pubbliku. Din

il-protesta pprecipitat l-inkjesta in kawża;

Illi ma ttieħdet ebda azzjoni kontra persuni ta' twemmin politiku differenti minn tar-rikorrenti li kkommettew vjolazzjonijiet tal-kundizzjonijiet tax-xogħol mas-Servizz Pubbliku f'dak li jirrigwarda attivitajiet politiċi waqt il-ħin tax-xogħol f'dipartimenti governattivi u għalhekk l-azzjoni li qiegħda tittieħed tmur kontra r-rikorrenti u hi każ ċar ta' ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 45(1)(2) u (3) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta ta' l-artikolu 9, 10, 11, u 14 ta' l-imsemmija Konvenzjoni;

Illi sussegwentement għall-proċeduri meħuda mill-imsemmi Bord ta' Inkjesta u fuq il-provi miġjuba mill-istess b'avviż datat 18 ta' Diċembru 1987, ir-rikorrenti ġiet mgħarrfa li l-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku sejjer jinvestiga l-akkużi miġjuba kontra tagħha fis-16 ta' Novembru 1987 mill-Kap tad-Dipartiment fejn taħdem, u li sejjer jiltaqa' għall-ewwel seduta nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru 1987 fid-disgħa ta' filgħodu fl-uffiċċju tal-Kummissjoni ta' Dixxiplina;

Għalhekk in vista tar-raġunijiet suesposti u d-disposizzjonijiet legali fuq ċitati, ir-rikorrenti titlob umilment li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha bis-setgħat lilha mogħtija permezz ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987, prevja d-dikjarazzjoni li twettqu mill-intimati l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fuq ċitati tar-rikorrenti, tħassar u tannulla l-poroċeduri, id-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet milħuqa mill-Bord u in vista ta' l-istess vjolazzjonijiet tinibixxi lill-intimati milli jissoktaw jieħdu proċeduri ulterjuri, kontra r-rikorrenti anke waqt il-mori tal-kawża, u partikolarment milli tinżamm is-seduta tal-Bord ta'

Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-servizz Pubbliku fuq imsemmija;

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn esponew bir-rispett:

Illi l-aġir tagħhom huwa legali u ma jmurx kontra l-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni Ewropeja;

Jiġi rrilevat li l-Bord ta' Inkjesta kien hemm biex jiġbor l-informazzjoni u mhux biex jiddeċidi ħaġa li kien kompitu tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

Illi għalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva u bla ebda bażi;

B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-risposta taċ-*Chairman* u tal-membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u taċ-*Chairman* u membri tal-Bord ta' Dixxiplina ta' l-istess Kummissjoni fejn esponew riverentement:

Illi fil-konfront tagħhom id-domandi li jolqtu lilhom għandhom jiġu eżaminati u deċiżi fid-dawl ta' l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni;

Illi, kwantu għall-ewwel żewġ domandi, l-esponenti m'humiex f'posizzjoni li jgħidu xejn rigward in-nullità o meno tal-proċeduri tal-Bord ta' Inkjesta għaliex ma ħadu fih ebda parti, u għalhekk id-dikjarazzjoni ta' l-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-instanti "mill-intimati" m'hijiex in regola għaliex l-esponenti m'għandhomx *"locus standi"* biex jirrispondu għaliha;

Illi, kwantu għat-talba għall-inibizzjoni, din ma tista' qatt tiġi akkolta fit-termini rikjesti għaliex il-Qorti ma tistax teżawtora kompletament lill-esponenti mill-funzjonijiet tagħhom kif garantiti mill-Kostituzzjoni u timpedihom millli jagħmlu dak li hu dritt u dover tagħhom;

Illi l-esponenti qatt ma ġew avżati mir-rikorrenti b'dak li qed tallega fir-rikors tagħha;

Illi l-mertu ta' l-aħħar domanda hu eżawrit għaliex is-seduta tat-28 ta' Diċembru 1987 fil-fatt ma nżammitx;

Rat ir-risposta ulterjuri ta' l-intimati fejn esponew bir-rispett:

Illi preliminarjament li din il-Qorti għandha teżerċita l-poter mogħtija lilha fl-artikolu 46(2) *proviso,* tal-Kostituzzjoni billi r-rikorrenti għandha rimedji quddiem il-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni, dwar is-Servizzi Pubbliċi stante li l-istess Bord jista' jekk ikun il-każ jirregola l-konklużjonijiet tal-Bord ta' Inkjesta u dana bla preġudizzju għal dak dispost fl-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din l-azzjoni qed tingħata bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġà mogħtija u b'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Frar 1988, li biha ddikjarat li hija tal-fehma li f'dan il-każ hija għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat mogħtija lilha a tenur tal-*proviso* ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u għalhekk iddisponiet mir-rikorst konformement u għalhekk waqfet milli tieħu aktar konjizzjoni tar-rikors, – il-kap ta' l-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqa' mingħajr taxxa bejn il-kontendenti, u dana

wara li kkunsidrat illi:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti Rose Ann Galea li bih għar-raġunijiet hemm esposti talbet li dina l-Qorti tirrevoka għal kollox is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, tiddikjara li l-ewwel Qorti għandha tieħu konjizzjoni tal-każ u tibgħat lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Ministru tal-Politika Soċjali, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari inkarigat mis-Saħħa, is-Segretarju Amministrattiv, it-Tabib Ewlieni tal-Gvern, l-Aġent Tabib Superintendent ta' l-Isptar Craig, l-Avukat Dr. Enrico Cortis bħala *Chairman* u l-membri Tabib Gauden Galea u Publius Abdilla bħala membri tal-Bord ta' Inkjesta maħtura b'ittra tas-Segretarju Amministrattiv datata 21 ta' Lulju 1987, ippreżentata din ir-risposta fit-3 ta' Marzu, 1988;

Rat ir-risposta ta' l-appell taċ-*Chairman* u l-membri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ċ-*Chairman* u l-membri tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku pprreżentata fid-9 ta' Marzu 1988 li biha pprevalew ruħhom mill-appell u għar-raġunijiet hemm esposti talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tat-18 ta' Frar 1988, billi tirrevokaha fejn akkollat lill-esponenti parti mill-ispejjeż tal-kawża u ordnat li dik il-parti mill-ispejjeż għandha tħallashom ir-rikorrenti Galea u tikkonfermaha għall-kumplament bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti appellanti;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Itrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Dan hu appell minn deċiżjoni li biha l-ewwel Qorti ddeklinat milli tieħu konjizzjoni tal-kawża a bażi tal-*proviso* ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

L-imsemmi artikolu jiddisponi li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha jkollha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċidi kull talba għal rimedju magħmula minn xi persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni rigwardanti drittijiet u libertajiet fundamentali ġiet, qiegħda tiġi jew tkun x'aktarx se tiġi miksura dwarha. Iżda wara li jikkonferixxi l-imsemmija ġurisdizzjoni oriġinali, l-artikolu jkompli jgħid fil-*proviso* fuq imsemmi: "Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra";

Jidher għalhekk li biex il-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili teżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lilha bl-imsemmi *proviso,* jeħtieġ li jkunu jew kienu jeżistu mezzi oħra xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat skond xi liġi oħra. Jekk ma jkunux jew kinux jeżistu dawn il-mezzi l-oħra xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat, hija ma tistax tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tal-kawża quddiemha. Jinkombi għalhekk lill-Qorti li fl-ewwel lok tara jekk fil-każ partikolari li għandha quddiemha jeżistux jew le mezzi oħra xierqa ta' rimedju;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża jistgħu jiġu kkompendjati b'dan il-mod: B'ittra datata 21 ta' Lulju 1987 jew maħtura ċ-*Chairman* u żewġ membri ta' Inkjesta bis-saħħa ta' l-Att XIX ta' l-1977 biex jinvestigaw allegazzjonijiet magħmula minn Dr. S. Galea, *A/Medical Superintendent, Craig Hospital*, Għawdex, f'rapport tiegħu datat 12 ta' Ġunju, 1987 dwar il-kondotta tar-rikorrenti appellanti, *Administrative Nurse* fl-istess Sptar. Dan il-Bord ta' Inkjesta ppreżenta r-rapport tiegħu fit-3 ta' Novembru 1987 u kopja ta' dan ir-rapport intbagħtet lir-rikorrenti appellanti flimkien ma' ittra datata 16 ta' Novembru 1987 ossija *"Charge Sheet"* mibgħuta lilha mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern li fiha hija ġiet infurmata li bħala riżultat tar-Rapport tal-Bord ta' l-Inkjesta kien ġie deċiż li għandhom jittieħdu passi dixxiplinarji kontra tagħha u ġiet mogħtija għaxart ijiem żmien biex tiddikjara bil-miktub x'raġunijiet għandha biex tiskolpa ruħha. Għal din l-ittra tas-16 ta' Novembru 1987 irrisponda Alfred Vella, Segretarju Taqsima Servizzi Pubbliċi, b'ittra tat-3 ta' Diċembru 1987 li biha nforma lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern li kien se jirrappreżenta lir-rikorrenti u talab kopja tad-dokumenti kollha relativi. Fit-18 ta' Diċembru 1987, ir-rikorrenti appellanti ġiet infurmata *inter alia* miċ-*Chairman* tal-Bord tad-Dixxiplina, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, innominat biex jinvestiga l-akkużi kontra tagħha, li l-ewwel seduta sejra tinżamm fit-28 ta' Diċembru 1987. Fl-intervall, ċjoè fil-21 ta' Diċembru 1987, ġie ppreżentat ir-rikors promotorju ta' dan il-ġudizzju;

F'dan ir-rikors qed jiġi allegat mir-rikorrenti appellanti li l-Bord ta' Inkjesta fuq imsemmi la kien indipendenti u lanqas imparzjali u dan bi ksur ta' l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll ta' l-art. 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987. Qiegħed jiġi allegat ukoll li l-imsemmi Bord ivvjola l-prinċipju ta' l-*"audi alteram partem"* bi ksur ta' l-art. 39(3) tal-Kostituzzjoni u ta'

l-art. (1) ta' l-imsemmija l-ewwel Skeda. Qed jiġi pretiż ukoll minbarra hekk li l-Bord għamel domandi lir-rikorrenti li jesiġu tweġibiet li setgħu jassoġġettawha għall-proċess kriminali mingħajr ma għarrfuha bil-privileġġi li għandu xhud li jixhed quddiem il-Qorti, li r-rikorrenti ma kellha ebda opportunità li tiddefendi ruħha jew li teżamina x-xhieda kontriha jew li tipproduċi xhieda favur tagħha u qed jiġi pretiż ukoll mir-rikorrenti li ma ttieħdet ebda azzjoni kontra persuni ta' twemmin politiku differenti minn tagħha li kkommettew vjolazzjonijiet tal-kondizzjonijiet tax-xogħol mas-Servizz Pubbliku f'dik li jirrigwarda attivitajiet politiċi waqt il-ħin tax-xogħol f'Dipartimenti governattivi – u dan kollu, skond ma qed jiġi pretiż fir-rikors, bi ksur ta' l-artikoli hemm ċitati tal-Kostituzzjoni u ta' l-imsemmija l-ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Wara li għamlet l-imsemmija sottomissjonijiet ir-rikorrenti appellanti talbet li l-Qorti, wara li tiddikjara li twettqu l-imsemmija vjolazzjonijiet allegati minnha, tannulla l-proċeudri, deċiżjonijiet u konklużjonijiet tal-Bord ta' l-Inkjesta u anke minħabba l-istess vjolazzjonijiet tinibixxi lill-intimati milli jissoktaw jieħdu proċeduri ulterjuri kontra tagħha;

Ikkunsidrat:

Il-funzjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku huma imfissra fir-Regolament 17 tar-Regolamenti ta' l-1977 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' l 1977 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina) li bdew iseħħu fit-12 ta' Jannar 1977 (Avviż Legali 5 ta' l-1977). Dan ir-Regolament 17 fl-ewwel żewġ inċiżi tiegħu jiddisponi:

"(1) Ikun funzjoni tal-Bord li jistħarreġ il-każijiet ta' dixxiplina li jintbagħtu għandu skond dawn ir-regolamenti u li jagħti lill-Kummissjoni l-konklużjonijiet tiegħu dwar il-fatti tal-każ;

(2) Fl-eżerċizzju tal-funjonijiet tiegħu skond dawn ir-regolamenti, il-Bord għandu jara li jagħti opportunità xierqa liż-żewġ naħat li jippreżentaw il-każ tagħhom, iżda għandu jelimina kull formalitajiet żejda u jiżgura li l-ġustizzja ssir bil-ħeffa u skond il-meriti sostantivi tal-każ. Il-Bord għandu jasal għall-konklużjonijiet tiegħu u jibgħathom lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr, u f'ebda każ aktar minn ħames ġimgħat mid-data li fiha l-każ ikun intbagħat lilu";

Huwa evidenti minn eżami ta' l-imsemmija disposizzjonijiet riprodotti *verbatim* mill-Qorti li l-Bord tad-Dixxiplina ma ġie bihom bl-ebda mod mogħti l-funzjoni li jinvesti l-kwistjonijiet kostituzzjonali ssollevati fir-rikors promotorju tal-ġudizzju. Il-funzjoni tiegħu, skond l-imsemmija disposizzjonijiet, hija li jistħarreġ il-każ u li jagħti l-konklużjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni dwar il-fatti tal-każ. Dawn għandu jagħtihom wara li jisma' x-xhieda, għandu jagħtihom bla formalitajiet żjeda u għandu jiżgura li l-ġustizzja ssir bil-ħeffa u skond il-merti sostantivi tal-każ. Il-Bord ta' Dixxiplina m'għandu f'dan l-istadju l-ebda funzjoni li jinvestiga l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 da parti tal-Bord tal-Inkjesta, liema allegazzjoni tifforma l-mertu tal-kawża iżda l-funzjoni tiegħu hija li jeżamina l-fatti tal-każ u li a bażi ta' dawn il-fatti jasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar dak li qed jiġi miġjub kontra r-rikorrenti;

Huwa veru li skond ma jingħad fir-risposta ulterjuri ta' l-

intimati (fol. 15) il-Bord tad-Dixxiplina jista' jinjora l-konklużjonijiet tal-Bord ta' l-Inkjesta però dan ma jfissirx li b'daqshekk il-Bord tad-Dixxiplina jkun qiegħed jinvesti l-kwistjonijiet kostituzzjonali ssollevati f'din il-kawża. Dawna huma intiżi biex iwarrbu għal kollox, billi jannullawhom, il-konklużjonijiet milħuqa fir-rapport tal-Bord ta' l-Inkjesta, li, fil-kliem ta' l-ittra lir-rikorrenti tas-16 ta' Novembru 1987 mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern, "fuqu hija bbażata din iċ-*Charge Sheet*", b'mod li l-Bord tad-Dixxiplina "nnominat sabiex jinvestiga l-akkuża miġjuba kontra tiegħek fis-16 ta' Novembru 1987 mill-kap tad-Dipartiment fejn taħdem" (ara ittra taċ-*Chairman*, Bord tad-Dixxiplina tat-18 ta' Diċembru 1987 – fol. 21) ma jkunx jista' b'xi mod jieħu konjizzjoni ta' l-imsemmi rapport. Il-fatt li l-Bord tad-Dixxiplina jista' jinjora l-konklużjonijiet tal-Bord ta' l-Inkjesta ma jfissirx li b'daqshekk qiegħed jiġi prekluż milli jikkunsidrahom, mentri l-iskop tal-kawża preżenti huwa li l-Bord tad-Dixxplina lanqas biss jikkunsidrahom billi għar-raġunijiet allegati jiġu annullati qabel mal-Bord tad-Dixxiplina jibda jieħu konjizzjoni tal-każ;

Issa apparti l-kwistjoni jekk il-kawża preżenti għandhiex jew le fondament fil-liġi u jekk l-allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet kostituzzjonali magħmula mir-rikorrenti appellanti humiex fondati jew le – dan kollu jirrigwarda l-mertu tal-każ – il-Qorti, bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, ma tarax li r-rikorrenti appellanti għandha tiġi pprivata mid-dritt li tavvanza l-pretensjonijiet tagħha sabiex dawn jiġu kkunsidrati mill-Qorti meta l-fondatezza o meno ta' dawk il-pretensjonijiet ma tistax tiġi deċiża band'oħra;

Għandu jiżdied li l-Qorti ma tarax li l-emendi introdotti għall-imsemmija Regolament bl-Avviż Legali 37 ta' l-1988 b'xi

mod jaffettaw il-konklużjoni fuq raġġunta minnha. Fir-Regolament 23A miżjud bl-imsemmi Avviż Legali jingħad fl-inċiż (1) li "Kull min hu jew kien uffiċjal pubbliku u li kien instab ħati mill-Kummissjoni ta' reat taħt dawn ir-Regolamenti jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex tirrevdi l-każ tiegħu bil-għan illi tiġi rrevokata jew emendata r-rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni tkun għamlet kontra tiegħu" u fl-inċiż (4) jingħad li "Il-Kummissjoni tista' tippermetti reviżjoni tal-każ jekk, fid-dixxiplina jew li jkun sar nuqqas gravi fit-twettiq tal-ġustizzja li jirriżulta fi vjolazzjoni ta' ġustizzja naturali jew ta' drittijiet fundamentali";

Dawn id-disposizzjonijiet huma intiżi biex jagħtu lill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku d-dritt li tirrevedi l-każ meta, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun sodisfatta li kien hemm *prima facie inter alia* każ ta' nuqqas gravi fit-twettiq tal-ġustizzja li jirriżulta fi vjolazzjoni ta' ġustizzja naturali jew ta' drittijiet fundamentali. Dana d-dritt mela jiġi eżerċitat fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni u wara li l-każ ikun ġà ġie deċiż minnha u appuntu biex tiġi riveduta dik id-deċiżjoni tagħha, mentri l-proċedura preżenti hija intiża (dejjem apparti l-kwistjoni tal-fondatezza tagħha o meno) biex teskludi mill-konjizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ta' l-istess Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku l-proċeduri u konklużjonijiet tal-Bord ta' l-Inkjesta qabel ma jibdew il-proċedura quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, li hija ħaġa differenti;

Ikkunsidrat:

Iċ-*Chairman* u l-membri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ċ-*Chairman* u l-membri tal-Bord ta' dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku qegħdin jappellaw inċidentalment dwar il-kap ta' l-ispejjeż. L-imsemmija intimati

kienu sostnew (ara nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom fol. 102 *tergo)* li r-rikors tar-rikorrent appellanti kien ''ċertament intempestiv għaliex hi għad għandha rimedji appożiti oħrajn li jistgħu jissodisfawha'' dwar l-ilment imsemmi fl-istess nota. In vista tal-konklużjoni kuntrarja fuq raġġunta mill-Qorti għar-raġunijiet fuq indikati, ma hemm l-ebda raġuni l-għala l-Qorti għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-kap ta' l-ispejjeż għal dak li jirrigwarda l-imsemmija intimati;

Fl-aħħarnett il-Qorti trid tagħmilha ċara li hija qiegħda tiddeċidi biss jekk l-ewwel Qorti kellhiex jew le fiċ-ċirkostanzi tiddeklina jew le milli tieħu konjizzjoni tal-każ u li hija ma hija bl-ebda mod tidħol fil-mertu tal-każ u li qiegħda tħalli kompletament impreġudikati d-drittijiet u eċċezzjonijiet reċiproċi tal-kontendenti;

Għal dawn il-motivi il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, tiddeċidi illi fil-waqt li tiċħad l-appell inċidentali fuq imsemmi dwar il-kap ta' l-ispejjeż, tilqa' l-appell prinċipali tar-rikorrenti Rose Anne Galea, tiddikjara li fil-każ preżenti ma kinux disponibbli favur tagħha mezzi oħrajn xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat minnha (dejjem apparti l-mertu tal-każ preżenti li jitħalla impreġudikat skond ma ngħad fuq) u kwindi l-ewwel Qorti ma setgħetx teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tal-każ u għalhekk, salv il-kap ta' l-ispejjeż, tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tiddikjara u tiddeċidi li l-ewwel Qorti għandha tieħu konjizzjoni tal-każ u għal dan il-fini tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti, għall-appell prinċipali kif ukoll dawk relattivi għall-appell inċidentali, għandhom jibqgħu, stante n-novità u diffikultajiet tal-każ, bla taxxa bejn il-kontendenti.